A.L. 285 ta' l-2011

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Immaniġġar ta' l-Iskart (Vjaġġi ta' Skart)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Immaniġġar ta' l-Iskart (Vjaġġi ta' Skart).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu biex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1013/2006 dwar vjaġġi ta' skart biex jistabbilixxu sistema ta' superviżjoni u kontroll ta' vjaġġi ta' skart, sabiex jiggarantixxu protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"applikazzjoni" tfisser l-applikazzjoni preżentata minn xi persuna biex tikseb xi permess għall-importazzjoni, għall-passaġġ, għall-vjaġġi jew għall-esportazzjoni ta' skart;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

"l-Awtorità Kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u kull korp jew persuna oħra li l-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jordna, u jistgħu jiġu nominati korpi jew persuni differenti bħala l-awtorità kompetenti għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"awtorità kompetenti ta' destinazzjoni" tfisser l-awtorità kompetenti li timporta skart ġewwa pajjiżha mingħand l-awtorità kompetenti ta' tluq għal skopijiet kummerċjali;

"awtorità kompetenti ta' passaġġ" tfisser l-awtorità kompetenti li jew:

(a) timporta skart biex dan wara jiġi trasferit jew vjaġġat bil-baħar lejn stat membru ieħor jew pajjiż ta' destinazzjoni għal skopijiet kummerċjali; jew

(b) tesporta skart wara li tkun impurtat dak l-iskart ġewwa pajjiżha mill-pajjiż jew awtorità kompetenti ta' tluq għal skopijiet kummerċjali;

"awtorità kompetenti ta' tluq" tfisser l-awtorità kompetenti li tesporta skart minn ġewwa pajjiżha lill-awtorità kompetenti ta' passaġġ jew ta' destinazzjoni għal skopijiet kummerċjali;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u, fir-rigward ta' fornituri u servizzi awtorizzati, tfisser xi permess, liċenza, mandat, ħatra, konċessjoni jew kull deċiżjoni li jkollha x'taqsam ma' aċċess għal xi attività ta' servizz jew l-għoti tiegħu;

"fornitur awtorizzat" tfisser u tinkludi kull persuna li jkun negozjant jew importatur skond dawn ir-regolamenti u li jkun fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew permess maħruġ lilu mill-Awtorità Kompetenti;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea kif stabbilita bit-Trattat tal-Unjoni Ewropea;

"kummerċ" tfisser għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, kummerċ bejn Stati Membri jew bejn xi Stat Membru u pajjiż terz fi vjaġġi ta' skart, xi negozju jew xogħol biex isir qligħ jew gwadann, u jinkludi trattamenti f'xi attività ta' negozju partikolari;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"pajjiż terz" tfisser xi pajjiż li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"persuna" tfisser kull persuna fiżika jew legali;

"Stat Membru" tfisser xi stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea;

"vjaġġi ta' skart" tfisser u tinkludi l-attività ta' trasportar ta' skart b'vapuri jew bastimenti l-ġewwa, fi ħdan jew l-barra tal-Komunità;

(2) Il-frażijiet l-oħra kollha għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom fir-regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-2011 dwar l-Iskart. A.L. 184 tal-2011.

Applikabilità.

3. (1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1013/2006 dwar vjaġġi ta' skart għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.

(2) Il-vjaġġi kollha ta' skart destinati għar-rimi f'Malta hu projbit. Meta xi notifikazzjoni tkun depożitata għand l-Awtorità Kompetenti, bħala l-awtorità kompetenti ta' destinazzjoni, li tkun tirrigwarda xi vjaġġ ippjanat ta' skart iddestinat għar-rimi ġewwa Malta, l-Awtorità Kompetenti għandha *ipso jure* toġġezzjona.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi taħt il-liġi internazzjonali u għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti tal-2011 dwar l-Iskart, u liġijiet nazzjonali oħra eżistenti li jistgħu japplikaw f'dan ir-rigward.

Drittijiet.

4. (1) L-applikazzjonijiet għal permess għall-ispedizzjoni ta' skart transkonfini skond dawn ir-regolamenti, għandhom ikollhom magħhom dritt kif jista' jiġi ordnat mill-awtorità kompetenti kif imfisser fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi imposti mill-awtorità kompetenti ta' destinazzjoni u l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti ta' passaġġ.

Reati.

5. Persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk dik il-persuna -

(a) tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma ruħha mal-kundizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni skond il-liġi jew skond xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin, jew tinkoraġixxi lil xi persuna oħra, b'xi mezz, inkluż ir-reklamar, pariri jew l-akkwist biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi dispożizzjoni bħal dawk, inkluż xi ordni mogħtija skond il-liġi kif hemm f'xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

6. Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti kif imfisser fir-regolament 5 hawn aktar qabel għandha, meta tinsab ħatja, teħel:

(a) għall-ewwel kundanna, multa ta' mhux inqas minn elf u mija u sebgħin euro (€1,170), iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u tletin euro(€2,330);

(b) għat-tieni kundanna jew kundanni sussegwenti, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u tletin euro (€2,330), iżda mhux aktar minn erbat elef u sitt mija u sittin euro (€4,660), jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda mingħajr preġudizzju għal paragrafi (a) u (b) ta' dan ir-regolament, kull meta persuna tinsab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti kommess permezz ta' vettura, is-sid ta' dik il-vettura, jekk ikun il-każ, għandu jinżamm responsabbli bl-istess mod u grad:

Iżda wkoll, mingħajr preġudizzju għall-pieni li dik il-persuna misjuba hekk ħatja tista' tinżamm responsabbli skond dan ir-regolament, il-qorti tista' tordna lil kull persuna li tiġi misjuba ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti biex tħallas l-ispejjeż li l-Awtorità Kompetenti tinkorri skond dawn ir-regolamenti bħala riżultat ta' l-imsemmi reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Awtorità Kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*, inkluża l-vettura, jekk dan ikun il-każ.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali.
Kap. 9.

7. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 6 hawn aktar qabel, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għall-proċedimenti fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika

milli tinżamm jew tinkiseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u għandhom ikunu skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati msemmija bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala qrati ta' ġudikatura kriminali fir-rigward ta' kull proċediment għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

8. Ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kontroll ta' Moviment Transkonfini ta' Sustanzi Tossiċi u Sustanzi oħra), qegħdin b'dawn jiġu revokati. Jirrevoka A.L. 205 tal-2000.

SKEDA

(Regolament 5)

DRITTIJIET DOVUTA LILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

1. Għall-ipproċessar ta' notifika bil-miktub mill-Awtorità Kompetenti, bħala Awtorità Kompetenti ta' tluq jew ta' vjaġġ, dritt fiss ta' €350 hu dovut. Kull spiża relatata ma' invjar tad-dokumenti ta' notifika permezz ta' kurrier lill-awtoritajiet kompetenti ta' passaġġ u ta' destinazzjoni u dawk relatati mal-faċilità ta' trattament fil-pajjiż ta' destinazzjoni, għandha titħallas min-notifikant.

2. Għall-ipproċessar ta' notifika bil-miktub mill-Awtorità Kompetenti, bħala Awtorità Kompetenti ta'destinazzjoni, dritt fiss ta' €500 hu dovut.

3. Għall-ipproċessar ta' dokument ta' moviment għal kull vjaġġ (kull *container*) mill-Awtorità Kompetenti, bħala Awtorità Kompetenti ta' tluq jew ta' trasferiment jew bħala Awtorità Kompetenti ta' destinazzjoni, dritt fiss ta' €35 hu dovut.

4. Għall-ipproċessar ta' notifika bil-miktub mill-Awtorità Kompetenti, bħala Awtorità Kompetenti ta' passaġġ, dritt fiss ta' €250 hu dovut.